# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Ottubru 2016**

**Kawza Numru : 21**
**Rikors Guramentat Numru : 837/2015 LSO**

**Mohamed Edweb Mohammed Ganna (ID497079M) u Hana Bashir Mohamed Al Saoudi bhala kuraturi ta' binthom minuri Duaa Mohammed Mohammed.**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ guramentat Mohamed Edweb Mohammed Ganna u Hana Bashia Mohamed Al Saoudi bhala kuraturi ta' binthom minuri Duaa Mohammed Mohammed datat 3 ta’ Settembru 2015 fejn espona: -

Illi l-minuri twieldet gewwa Malta nhar il-11 ta' Lulju 2012, fl-Isptar Tal-Qroqq, l-Imsida, minn Mohamed Edweb Mohammed Ganna u martu Hana Bashir Mohamed Al Saoudi;

Illi l-att tat-twelid tal-minuri li ghandha in-numri tal-iskrizzjoni 3165/2012 (Dok. DMM1) jikkontjeni numru ta' zbalji fis-sens illi isem missierha gie erronjament indikat bhala "Mohammed" minflok "Mohammed Edweb Mohammed" kif ukoll kunjom missierha gie erronejament indikat bhala "Mohammed" mentri dan il-kunjom kellu jigi ndikat bhala "Ganna";

Illi effettivament u permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Mohammed Mohammed maghruf bhala Mohamed Edweb Mohammed Ganna (ID 497079M) vs Direttur tar-Registru Publiku, LSO 15.12.2015, fejn fiha numru ta' zbalji li kien hemm fic-certifikat tat-twelid tal-missier illum kuratur ta' bintu Duaa gew ikkoreguti (Dok mmarkat DMM2);

Illi llum ic-certifikat tat-twelid tal-missier, illum kuratur ta' bintu gie kkoregut u dan skont l-Ordni tal-Qorti u dan hekk kif jidher mid-dokument (4970/1979) mmarkat DMM3;

Illi issa l-uniku certifikat tal-familja Ganna li jehtieg li jigi kkoregut huwa dak tal-minuri Duaa u dan peress li filwaqt li missierha u hutha kollha huma indikati bil-kunjom "Ganna", hija ghadha qed tidher erronjament bil-kunjom "Mohammed" u din hija informazzjoni skorretta;

Illi ghad li saru diversi nterpellanzi mar-Registru Pubbliku biex dawn l-izbalji, konsegwenza ta' dak li kien hemm imnizzel fic-certifikati precedenti tal-missier, jigu ikkoreguti, liema nterpellanzi ma gewx milqugha mill-istess Dipartiment;

Illi dan kollu qed johloq konfuzjoni u nkonvenjent kbir lill-familja Ganna u ghalhekk kellhu jsir dan ir-rikors;

Ghaldaqstant l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tordna lill-konvenut jikkorregi l-izbalji kollha imsemmi fl-Att tat-Twelid tal-attur bin-numri ta' l-iskrizzjoni 3165/2012, fis-sens li:-

a) Isem il-minuri Dua jigi issa indikat bhala "Duaa Mohammed Edweb" minflok "Duaa Mohammed";

b) Kunjom il-minuri Duaa jigi issa indikat bhala "Ganna" minflok "Mohammed";

c) Isem il-missier jigi issa ndikat bhala "Mohammed Edweb Mohammed" minflok "Mohammed" filwaqt li kunjom il-missier jigi ndikat bhala "Ganna" minflok "Mohammed" u dan skont is-sentenza fuq citata;

Bl-ispejjez u bil-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 29 ta’ Ottubru 2015 (fol 24) fejn l-esponenti talab lill-Qorti sabiex fl-okkju tar-rikors odjern tizdied ukoll omm il-minuri u cioe` Hana Bashir Mohamed Al Saoudi flimkien mal-esponenti bhala l-missier tal-minuri Duaa u dan sabiex it-talbiet odjerna jkunu qeghdin isiru f’ isimhom it-tnejn bhala esponenti, kif ukoll fl-atti kollha konnessi u sussegwenti; u l-Qorti, rat l-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Laqghet t-talba u ordnat li l-okkju tal-kawza tigi korretta kull fejn hu mehtieg sabiex wara l-isem tar-rikorrent jizdied l-isem ta' Hana Bashir Mohamed Al Saoudi flimkien ma’ zewgha bhala ko-kuratur tal-minuri. (fol 27).

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 22 ta’ Marzu 2016 (fol 35) fejn Dr Byron Camilleri għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Direttur, bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma :

1. Illi *in limine litis* huwa meħtieġ li b’ordni tal-Qorti, ta’ lanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-

debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara, fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-intergrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti jitlobu bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża u fil-kumplament tar-rikors in risposta, fis-sens li r-rikorrent Mohamed Edweb Mohammed Ganna għandu jidher bħala '*Mohammed Ganna*' u mhux *'Mohamed Edweb Mohammed Ganna' stante* li l-isem u l-kunjom '*Mohamed Edweb Mohammed Ganna'* ma jappartjenux lilu skont kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, disa' mija u sebgħin (4970) tas-sena elf, disa' mija, disgħa u sebgħin (1979) anness u mmarkat bħala '*Dok DRP 1'*;

3. Illi preliminarjament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi għalinqas mill-atti li ġew notifikati lilu, huma nieqsin id-dokumenti li r-rikorrenti qegħdin jagħmlu referenza għalihom fir-rikors promotur. Kwindi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti jindikaw liema huma d-dokumenti li qegħdin jagħmlu referenza għalihom fir-rikors in risposta;

4. Illi bla preġudizzju għal fuq espost u fil-mertu, in kwantu li r-rikorrenti allegaw fir-rikors in risposta *"illi għad li saru diversi nterpellanzi mar-Reġistru Pubbliku biex dawn l-iżbalji, konsegwenza ta' dak li kien hemm imniżżel fiċ-*

*ċertifikati preċedenti tal-missier, jiġu kkoreġuti, liema nterpellanzi ma ġewx milqugħa mill-istess dipartiment”,* l-esponent jirrileva illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku mhuwiex vestit bis-setgħa sabiex jikkoreġi l-atti tal-istati ċivili għajr ħlief b’digriet minn dina l-Onorabbli Qorti;

5. Illi bla ħsara għall-premess, l-esponent jirrileva illi kien ir-rikorrent Mohammed Ganna stess illi kien iddikjara fuq il-formola tad-dikjarazzjoni għan-notifika tat-twelid, datata tlettax (13) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), hawn annessa u mmarkata bhala ‘*DOK DRP 2*’, illi l-isem li għandu jingħata lit-tarbija huwa ‘*Duaa Mohammed*’ u mhux ‘*Duaa Mohammed Edweb*’ kif ġie allegat fir-rikors in risposta. Illi *di piu`,* r-rikorrent Mohammed Ganna kien iddikjara ukoll fuq din l-istess formola illi l-isem tal-missier huwa ‘*Mohammed*’ u li l-kunjom tal-missier huwa ‘*Mohammed*’. B’hekk l-esponent m’għandhux jinżamm responsabbli ta’ din l-azzjoni odjerna, *stante* l-fatt li ma sar l-ebda żball jew nuqqas li jista’ jkun attribwit lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċċepixxi illi l-isem u l-kunjom tar-rikorrenti minuri Duaa Mohammed tniżżlu fuq l-Att tat-Twelid tagħha bin-numru ta’ iskrizzjoni ta’ tlett elef, mija, ħamsa u sittin (3165) tas-sena elfejn u tnax (2012), hawn annessa u mmarkata ‘*Dok DRP 3*’, skont ma kien iddikjara r-rikorrent Mohammed Ganna stess bħala dikjarant fuq l-Att tat-Twelid rispettiv. Dan in kwantu li l-Atti tat-Twelid qabel ma jgħaddu għar-reġistrazzjoni jiġu mogħtija lil min ikun għamel in-notifika

tat-twelid sabiex jiċċekja li l-informazzjoni hija korretta u jiffirma l-Att. Fil-każ *de quo*, ir-rikorrent Mohammed Ganna iffirma l-imsemmi Att tat-twelid, b'dan li allura jidher illi aċċetta l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-Att innifsu u kkonferma id-dettalji provduti fl-imsemmija dikjarazzjoni għan-notifika tat-twelid;

7. Illi għaldaqstant, bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent joġġezzjona għat-talba numru 1(a) *stante* li illi din it-talba mhijiex imsejsa fuq **l-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** li tagħti l-fakulta lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza annotazzjoni fuq l-att tat-twelid rispettiv sabiex il-persuna tkun tista' tiġi magħrufa b'isem ieħor f'każ li jġib il-provi meħtieġa. Kwindi r-rikorrenti jistghu, jekk jogħġobhom, jitlobu l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni tagħhom għat-talba numru 1(a) tiġi mibdula b'mod li tkun tista' tiġi inkwadrata taħt il-parametri tal-**Artikolu 253 (2**) **tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

8. Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti bin-numri 1(b) u numru 1(c), l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

9. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' April 2016 (fol 44) fejn meta issejhet il-kawza deher Dr Geoffrey Mifsud Farrugia ghall-attur. Dehret Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat. Rifferrribbilment ghat-tieni eccezzjoni Dr Mifsud Farrugia ddikjara li l-isem tar-rikorrent diga` gie korrett b' sentenza ta' din il-Qorti kif attwalment ippressjeduta. Ghaldaqstant Dr Borg irtirat t-tieni eccezzjoni. Dr Mifsud Farrugia irtira t-talba tieghu ghall-kap tal-ispejjez. Il-kawza giet differita sabiex ir-rikorrent jirregola ruhu dwar l-eccezzjoniet l-ohra ssollevati u ghall-provi kollha tal-partijiet ghall-5 ta' Mejju 2016 fid-9:30am.

Rat il-verbali tas-seduta l-ohra kollha inkluz dak tal-14 ta' Lulju 25016 (fol 47) fejn meta issejhet il-kawza deher Dr Geoffrey Mifsud  ghall-atturi u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. Dr Mifsud irtira t-talba ghall-kap tal-ispejjez, u rigward it-talbiet ikkjarifika li t-talbiet qed jigu nkwadrati fl-Art 253 (1) tal-Kap 16. Dr Tanti irrimettiet

ruhha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-7 ta' Settembru 2015 (fol 22) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-isem u l-kunjom tar-rikorrent kif registrat fuq ic-certifikat tat-twelid ta' binthom minuri jigu korretti billi "Duaa Mohammed" jigi sostitwit bl-isem "Duaa Mohammed Edweb", u l-kunjom "Mohammed" jigi sostitwit b' "Ganna". Qed jintalab ukoll li l-isem tal-missier fl-att tat-twelid tal-minuri jigi indikat bhala "Mohammed Edweb Ganna" skont sentenza moghtija minn din il-Qorti datata 15 ta' Dicembru 2015.

Illi r-rikorrent xehed permezz ta' affidavit u qal li hu twieled f'Malta fil-15 ta' Settembru 1979, u wahda mit-tfal tieghu twieldet Malta wkoll, meta rregistra t-tfal tieghu hawn Malta gie nfurmat mid-Dipartiment li peress li kunjomu kien

imnizzel "Mohammed" fl-att tat-twelid u mhux "Ganna", u bintu li twieldet Malta hija rregistrata wkoll bil-kunjom "Mohammed". Semma li hu diga pproceda b'kaz il-Qorti biex l-att tat-twelid tieghu jigi korrett, u issa qed jipprocedi biex l-att tat-twelid ta' bintu jigi korrett biex ikun konformi ma' l-att tat-twelid tieghu.

Referibbilment ghat-tieni eccezzjoni, din giet irtirata permezz ta' verbal tad-19 ta' April 2016 (fol 44), wara li gie dikjarat li l-isem tar-rikorrent diga gie korrett b'sentenza ta' din il-Qorti datata 15 ta' Dicembru 2015, kif attwalment preseduta. Ghalhekk, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

Illi gie rilevat mill-avukat difensur tar-rikorrenti fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2016, fejn gie kjarifikat li t-talbiet qed jigu nkwadrati taht l-artikolu 253(1) tal-Kap 16. Fid-dawl ta' dan, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' eccezzjoni tad-Direttur intimat.

Illi l-intimat eccepixxa wkoll, permezz tar-raba' eccezzjoni, li ghalkemm saru diversi interpellanzi, biex jigi korrett l-att tat-twelid tal-minuri, izda dan seta' isir biss in segwitu ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti tal-15 ta' Dicembru 2015, tilqa' din l-eccezzjoni tal-intimat u tiddikjara li l-korrezzjonijiet jistghu isiru biss wara sentenza ta' din il-Qorti.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti u hija sodisfatta li l-att tat-twelid ta' bint ir-rikorrenti ghandu jirrifletti l-att tat-twelid ta' missier il-minuri, u cjoe` r-rikorrent, hekk kif emendat in segwitu ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru 2014. Fis-sentenza citata, gie ordnat li l-kunjom tar-rikorrent jigi korrett u l-kunjom "Mohammed" jigi sostitwit bil-kunjom "Ganna" fl-att tat-twelid tieghu, wara li r-rikorrent kien irnexxielu jipprova li sar zball fir-registrazzjoni tal-att tat-twelid tieghu. Jirrizulta li l-att tat-twelid tar-rikorrent gie emendat skont is-sentenza moghtija, **Dok DMM3** (fol 16).

Ghalhekk, fid-dawl tad-dokumenti u affidavit esebiti, din il-Qorti hi tal-fehma li t-talba kif dedotta hija gustifikata kif trid il-ligi.

Referibbilment ghall-hames, is-sitt u d-disa' eccezzjoni, taqbel ma' l-intimat, li l-izball m'ghandux jigi addebitat lill-intimat, billi d-dettalji moghtija *ai fini* ta' registrazzjoni nghataw mid-dikjarant. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqtl i tiddisponi mill-eccezzjonijiet kif spjegat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:-

1. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-att tat-twelid bin-numru 3165/2012 fis-sens li:

a) Isem il-minuri jigi indikat bhala “Duaa Mohammed Edweb” minflok “Duaa Mohammed”.

b) Kunjom il-minuri jigi indikat bhala “Ganna” minflok “Mohammed”.

c) Isem il-missier jigi indikat bhala “Mohammed Edweb Mohammed” minflok “Mohammed”, filwaqt li kunjom il-missier jigi indikat bhala “Ganna” minflok “Mohammed”.

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b’kopja tas-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta’ Ottubru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta’ Ottubru 2016**